MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 713/2003

**Adrian Caruana Scicluna.**

**vs.**

**Sue Abela, mart l-istess Adrian Caruana Scicluna minnu legalment separata.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Lulju 2003 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Eliza Falzon, tas-7 ta' Frar 2002, (kopja annessa bhala Dok. "A";

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal minuri, Roxanne Caruana Scicluna u Justin Caruana Scicluna ta’ sbatax-il sena u ta’ tnax-il sena rispettivament;

Illi skond il-klawsola 2.1 ta’ l-imsemmi kuntratt, gie miftiehem li l-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmija zewg minuri hija fdata fiz-zewg partijiet flimkien u li d-decizjonijiet kollha mportanti li jeffetwaw hajjithom u l-*ben essere* taghhom ghandhom jittiehdu dejjem mill-ginituri taghhom flimkien;

Illi skond l-artikolu 7 ta’ l-imsemmi kuntratt, l-imsemmija tfal minuri m’ghandhomx jigu nkuzi fil-passaport ta’ xi wiehed mill-ginituri u lanqas ma jistghu isiefru ma’ xi wiehed mill-ginituri minghajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra;

Illi bhala fatt, iz-zewg minuri ghandhom passaport taghhom;

Illi l-konvenuta kienet bi hsiebha ssiefer biz-zewg uliedha minuri kontra l-volonta` u il-kunsens bil-miktub ta’ l-attur;
Illi hija giet inibita milli taghmel dan permezz ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1103/03JA tat-3 ta’ Lulju 2003.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tikkonferma u tiddeciedi li hija m’ghanda ebda dritt illi ssiefer b’uliedha minuri Roxanne u Justin Caruana Scicluna minghajr il-kunsens bil-miktub ta’ l-attur kif miftiehem u stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni fuq imsemmi.

(2) Tinibixxi lill-konvenuta milli ssiefer lill-imsemmija minuri fuq imsemmija minghajr il-kunsens bil-miktub ta’ l-attur kif qabel imsemmi, taht kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq.

(3) Tordna li kopja tas-sentenza relattiva tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Ufficjal inkarigat mill-Passaport ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1103/03 kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur (a fol. 4) u l-lista ta' dokumenti esebiti.
Rat li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (*a tergo* ta' fol. 14 u a fol. 15) hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2004 fejn il-konvenuta kienet imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx, u d-difensur ta' l-attur Dr. Joseph Caruana Scicluna rrimetta ruhhu ghall-provi prodotti, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn missier qed jitlob illi l-minuri, ulied ukoll il-konvenuta, ma jithallewx isiefru minn dawn il-gzejjer minghajr il-kunsens tieghu kollox kif pattwit skond il-kuntratt ta' separazzjoni ffrmat bejn il-partijiet datat 7 ta' Frar 2002.

Illi minn ezami ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet esebit a fol. 5 tal-process jidher li l-partijiet kienu ftehmu li:-

*"7. The said minor children shall not be included in the passport or other travelling document of any of the spouses, nor shall they be permitted to travel abroad with either of the spouses, without the prior written consent of both spouses. The parties agree that a copy of this deed*

*is to be delivered to the Principal Passport Officer for his immediate cognisance of the contents hereof".*

Illi ghalhekk jidher li kull ma huwa qed jaghmel l-attur huwa biss li jinghata konferma gudizzjarja tal-premess, *in vista* ta' l-allegati tentativi *da parte* tal-konvenuta sabiex isiefer lill-istess minuri minghajr il-kunsens espress u bil-miktub ta' l-stess attur, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumcja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tikkonferma u tiddeciedi li l-attrici m'ghanda ebda dritt li ssiefer b'uliedha minuri Roxanne u Justin Caruana Scicluna minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-attur kif miftiehem u stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.

2. Tinibixxi lill-konvenuta milli ssiefer lill-imsemmija minuri fuq imsemmija minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-

attur kif qabel imsemmi, jew minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti Maltija u bis-sahha ta' ordni ta' l-istess Qorti kompetenti Maltija.

3. Tordna li kopja legali ta' din s-sentenza relattiva tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ufficjal inkarigat mill-Passaport, u lill-Kontrollur tad-Dwana, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan a spejjez ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1103/03 kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------